**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM il-Ħamis, 21 ta' April, 2016**

**Kawża Nru 20**

**Ċitazz. Nru. 570/05JRM**

David Joseph **MELI**

vs

Francis **ŻARB ADAMI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-15 ta' Ġunju, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-Qorti (i) issib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-ġrieħi li ġarrab meta kien riekeb bħala passiġġier f'karozza misjuqa mill-imħarrek u li kienet involuta f'ħabta li ġrat fis-26 ta' Jannar, 2002, f'Wied Inċita, u dan minħabba t-traskuraġni, in-nuqqas ta' ħila u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tas-sewqan min-naħa tal-istess imħarrek; (ii) tillikwida d-danni minnu mġarrbin fl-imsemmija ħabta, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit; u (iii) tikkundanna lill-imħarrek iħallsu d-danni

hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali minn dakinhar li fetaħ il-kawża sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Ġunju, 2005[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-14 ta' Lulju, 2005, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħdet li huwa kien jaħti b'xi mod għall-inċident jew li dan seħħ minħabba tort jew negliġenza tiegħu. Huwa ikkontesta wkoll id-debilita' permanenti li l-attur jgħid li baqa' jbati minħabba l-inċident, u li jekk tabilħaqq baqa' jsofri minn debilita', irid juri li din kienet i-kawża diretta tal-inċident u li ma seħħitx minħabba xi raġuni oħra lil hinn mill-inċident, u dan għaliex jirriżulta li l-attur kien imdaħħal f'aktar minn inċident wieħed tat-traffiku qabel dak li huwa l-mertu tal-kawża tal-lum;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fil-11 ta' Lulju, 2005[2], bl-ismijiet tax-xhieda mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-28 ta' Lulju, 2005[3], bix-xhieda bl-affidavit u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Awwissu, 2005[4], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Lista tal-Kawżi ta' Qabel is-Smigħ ('*pre-trial*') u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tmexxi dak l-istadju tal-kawża;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju u l-provi dokumentali mressqin mill-istess xhieda;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Ġunju, 2006[5], li bih ħatret lill-kirurgi Ivan Esposito u Alex Attard bħala esperti mediċi biex jirrelataw dwar il-ġrieħi li l-attur jgħid li ġarrab fl-inċident;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2006[6], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Listi tal-Kawżi għas-Smigħ;

[1] Pagg 7 – 8 tal-process
[2] Paġ. 9 tal-proċess
[3] Paġġ. 15 sa 30 tal-proċess
[4] Paġ. 31 tal-proċess
[5] Paġ. 140 tal-proċess
[6] Paġ. 158 tal-proċess

Rat ir-Rapport imressaq mill-esperti mediċi fl-4 ta' Marzu, 2008[7], u minnhom maħluf kif imiss f'idejn ir-Reġistratur fit-8 ta' Mejju, 2008 u d-29 ta' Mejju, 2008, rispettivament;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-30 ta' Mejju, 2008[8], li biha talab il-ħatra ta' periti addizzjonali;

Rat il-verbali tad-differimenti li matulhom l-avukati difensuri għarrfu lill-Qorti li kienu qegħdin jippruvaw jaslu f'arranġament bejniethom barra l-Qorti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-30 ta' Jannar, 2009[9];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fil-11 ta' Marzu, 2009[10] bi tweġiba għal dik tal-attur;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għad-danni. L-attur jgħid li huwa korra b'mod li ma jfiqx fis-26 ta' Jannar 2002 wara li l-karozza, misjuqa mill-imħarrek u li fiha l-attur kien passiġġier flimkien ma' ħaddieħor, inqalbet wara li ħabtet ma' ċint fil-ġenb tat-triq. Huwa jgħid li dak li ġara seħħ minħabba s-sewqan traskurat tal-imħarrek u minħabba li kien qiegħed isuq b'veloċita' u ma kienx f'qagħda li jikkontrolla l-karozza. Huwa jrid li l-imħarrek jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrab minħabba l-ġrieħi li sofra meta nbeżaq mill-karozza wara li nqalbet u liema ġrieħi kienu r-riżultat dirett tal-inċident;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek apparti li stqarr li l-inċident ma seħħx b'xi ħtija tiegħu, ikkontesta d-danni permanenti allegatament sofferti mill-attur u allega li jekk l-attur tassew għandu xi debilita` fiżika li ma tgħaddix, din

---
[7] Paġġ. 188 – 193 tal-proċess
[8] Paġ. 197 tal-proċess
[9] Paġġ. 203 sa 214 tal-proċess
[10] Paġġ. 217 sa 220 tal-proċess

ma kinetx frott tal-inċident in kwistjoni, billi l-attur kien involut f'inċidenti ta' traffiku oħrajn qabel dak mertu tal-kawża. Huwa jikkontesta wkoll bħala eżaġerat l-ammont ta' danni li l-attur jippretendi li jitħallas;

Illi l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li fis-sigħat bikrin tas-26 ta' Jannar, 2002, l-attur u żewġ persuni oħrajn, kienu rekbin f'karozza tal-għamla *Fiat Uno*, reġistrata IAW - 164[11], misjuqa mill-imħarrek. Waqt li l-karozza kienet qiegħda tinsaq fuq Triq Notabile, fil-limiti ta' Ħ'Attard, fejn il-qasam magħruf bħala "*Ta' Wied Inċita*", fid-direzzjoni tar-Rabat, l-imħarrek tilef kontroll tal-imsemmija karozza, li ħabtet ma' ħajt fil-ġenb tat-triq fuq ix-xellug tagħha, inqalbet u tgerrbet fuqha nfisha u ħabtet maċ-ċint tan-naħa l-oħra tat-triq u waqfet rasha 'l fuq mas-*centre strip*;

Illi malli l-karozza nqalbet, l-attur u l-passiġġier li kien bilqegħda ħdejh fuq wara, Richard Paul Bernard, spiċċaw inbeżqu mill-karozza mill-*wind-screen* ta' wara. L-imħarrek u Matthew Tabone, il-passiġġier l-ieħor li kien riekeb ħdejn l-imħarrek, inqabdu fil-karozza[12]. L-attur ġarrab ġrieħi f'wiċċu, f'għonqu, fl-ispalla tal-lemin f'irkobbtu l-leminija u f'daharu[13] u kien mar għal kors ta' fiżjoterapija dwarhom[14] u kif ukoll ta' radjoloġija[15] fuq medda ta' sena u seba' xhur[16]. Mill-ġerħa li kellu f'wiċċu, baqalu merk taħt l-għajn ix-xellugija. Minbarra dan, wara li saru eżamijiet fuqu ħareġ li bid-daqqa inġemagħlu d-demm fil-milsa u kien ġie operat aktar 'il quddiem biex tneħħietlu[17];

Illi dakinhar tal-inċident, l-attur kien student tal-Liġi fl-Universita' ta' Malta u kellu tmintax-il (18) sena. Kemm l-imħarrek u kif ukoll iż-żewġ passiġġieri l-oħrajn kienu wkoll fl-istess kors mal-attur[18]. Wara l-inċident, l-attur kien qata' mill-kors u, wara li għamel xi ftit taż-żmien jistudja fl-ITS, raġa' daħal għall-kors tal-Liġi f'Ottubru tal-2005[19];

Illi fl-10 ta' April, 2003, l-attur bagħat ittra uffiċjali lill-imħarrek biex jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni li ġarrab. Reġa' bagħatlu ittra uffiċjali oħra fit-28 ta' Marzu, 2005, iżda baqa' ma ntlaħaq l-ebda qbil u ma sar l-ebda ħlas;

[11] Ara App. Krim JGD **7.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spett. M. Buttiġieġ) vs Francis W P G Żarb Adami***
[12] Affidavit tal-attur f'paġ. 16 tal-proċess
[13] Dokti f'paġġ. 25 – 30 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Alan Żammit f'paġ. 88 tal-proċess
[15] Dokti "PV1" sa "PV4", f'paġġ. 55 sa 61 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Dr Pierre Vassallo f'paġġ. 82 – 5 tal-proċess
[17] Xhieda tal-kirurgu Charles Swain f'paġġ, 96 – 7 tal-proċess
[18] Xhieda tal-attur f'paġ. 116 tal-proċess
[19] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami, f'paġ. 123 tal-proċess

Illi fid-9 ta' Mejju tal-2003, l-attur kien ħabat b'karozza li kien qiegħed isuq f'San Ġwann[20];

Illi l-attur fetaħ din il-kawża f'Ġunju tal-2005, madwar tliet snin u nofs wara l-inċident;

Illi safejn jirrigwarda l-**kwestjoni tar-responsabbilta'** għal dak li ġara, l-attur irrakkonta kif, huwa u jsuq, il-konvenut tilef il-kontroll tal-karozza li ħabtet ma' ħajt, inqalbet, tgerrbet it-triq kollha, ħabtet mal-ħajt tan-naħa l-oħra  u spiċċat maqluba fuq is-*centre strip.*  L-attur inbeżaq 'il barra mill-vettura waqt li kienet titgerbeb u spiċċa mal-ħajt tal-lemin li kien għadu kif ġie milqut mill-karozza.  Richard Bernard, li kien passiġġier fuq in-naħa ta' wara tal-karozza u maġenb l-attur, ikkonferma l-verżjoni tal-attur u żied li l-konvenut "kien għaddej mhux ħażin"[21] u li meta l-passiġġieri talbuh inaqqas il-veloċita` ma tax każhom.[22]  Din il-verżjoni kienet ikkonfermata wkoll mill-attur.[23]  Il-konvenut jiċħad li kien fis-sakra u jwaħħal fil-fatt li dak iż-żmien dik il-parti tat-triq kienu għadhom kif jagħmluha u billi t-triq kienet għadha mhix miksija għal kollox, jaħseb li qabad il-bankina li kienet għolja ħafna u minn hemm 'l hemm il-karozza li kien qiegħed isuq bdiet tperper[24] .  Il-konvenut spiċċa biex fl-aħħar tilef il-kontroll tal-karozza;

Illi huwa jkompli jgħid li jiftakar li kien isuq bejn sittin (60) u ħamsa u sittin (65) kilometru fis-siegħa imma ma jeskludiex li f'xi ħin kien qed isuq b'sebgħin (70) jew ħamsa u sebgħin (75)[25].  Ma jafx kif tilef il-kontroll tal-karozza.  Mhux ċert jekk tilifx il-kontroll minħabba li laqat bankina,[26] jew minħabba li laqat xi ħaġ'oħra jew inkella jekk fil-fatt laqatx xi ħaġa.[27]  Ma jafx eżatt il-movimenti tal-karozza waqt il-ħabta għalkemm jaf li l-karozza spiċċat fuq is-saqaf tagħha[28];

Illi jidher ċar mis-suespost li l-inċident seħħ minħabba li l-konvenut tilef il-kontroll tal-karozza li kien qiegħed isuq.  Dan joħloq preżunzjoni li kien qiegħed isuq b'mod negliġenti, indipendenti miċ-ċirkostanza allegata mill-attur u mill-passiġġier l-ieħor li widdbuh li kien qed isuq b'veloċita`eċċessiva.  Il-konvenut ma jiftakarx li sarulu twiddibiet ta' din l-għamla.  Dawn iċ-ċirkostanzi joħolqu preżunzjoni li kien jinkombi lill-istess konvenut li jegħlibha billi jressaq prova ta' ċirkustanza ta' forza

[20] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami, f'paġġ. 121 – 2 tal-proċess
[21] F'paġ. 106 tal-proċess
[22] Xhieda tiegħu f'paġġ.112 – 3 tal-proċess
[23] Paġ. 118 tal-proċess
[24] Xhieda tiegħu f'paġ. 144 tal-proċess
[25] Paġ. 149 tal-proċess
[26] Paġ. 150 tal-proċess
[27] Paġ. 151 tal-proċess
[28] Paġ. 152 tal-proċess

maġġuri jew tort ta' ħaddieħor li tneħħi minn fuqu l-ħtija għal dak li ġara. Il-Qorti tqis li din hija ħaġa li l-imħarrek naqas milli jagħmel;

Illi jirriżulta li, aktar kmieni fl-istess jum, l-attur kien passiġġier f'karozza misjuqa minn ċertu Andrew Zaffarese li kienet involuta f'inċident tat-traffiku ieħor li sar qabel iżda li fih la hu u lanqas il-passiġġieri l-oħrajn ma weġġgħu, u wara kien qed jgħin lil ċerta Catherine Attard tipparkja u din irriversjat fuqu iżda ma laqtitux[29]. Sena wara l-inċident l-attur kien sewwieq u kien involut f'ħabta *bumper to bumper*. Lanqas f'din l-aħħar okkażjoni ma jirriżulta li ġarrab xi ġrieħi;

Illi l-attur esibixxa ċertifikati mediċi tat-tobba u speċjalisti li rawh wara l-inċident[30] kif ukoll ritratti tal-ġrieħi li ġarrab[31]. Wieħed minn dawn ix-xhieda, il-kirurgu Charles Grixti, ikkontro-eżaminat ikkonferma li l-ġrieħi huma relatati mal-inċident u mhux ma' xi ħaġa oħra li l-attur kien ibati biha qabel[32]. Eżamina wkoll lill-attur ir-radjoloġista Dottor Pierre Vassallo li xehed li minn *CT scan* li għamel lill-konvenut fit-13 t'April 2002 jirriżulta li l-attur kellu ħsara fil-milsa b'effett ta' trawma li ma setax kien ilha iktar minn tlieta jew erba' ġimgħat (effettivament l-inċident kien ġara iktar qabel)[33];

Illi kemm l-attur u kif ukoll il-ġenituri tiegħu stqarru li qabel l-inċident l-attur kien bniedem b'saħħtu u ma kien ibati mill-ebda diżabilita[34]. Ma rriżultax, kif eċċepit mill-imħarrek, li l-attur sofra xi diżabilita` qabel l-inċident. Il-Qorti hija wkoll soddisfatta li dik id-debilita' seħħet fil-ħin tal-ħabta u b'effett dirett tagħha. Barra minn hekk tinnota li l-imħarrek irrimetta ruħu għall-ġudizzju tagħha f'dan ir-rigward;

Illi minn ġbir ta' dawn l-elementi probatorji kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attur seħħlu juri li, fil-ħin tal-inċident, l-imħarrek kien qiegħed isuq il-karozza tiegħu b'veloċita' għolja u, minkejja li ma kellu xejn x'ifixklu fis-sewqan tiegħu, ma baqax aktar f'qagħda li jżomm kontroll tagħha. Dawn iż-żewġ fatturi jolqtu ż-żewġ dmirijiet ewlenin li s-sewwieqa jitgħabbew bihom: jiġifieri, li jkunu l-ħin kollu jafu x'inhu għaddej madwarhom u x'hemm fl-inħawi fejn wieħed ikun qed isuq, u t-tieni hu li fl-ebda waqt ma għandu jsir sewqan b'mod li s-sewwieq ma jibqax aktar fil-kontroll sħiħ tal-vettura li jkollu f'idejh. Jidher li l-imħarrek naqas fir-rigward taż-żewġ regoli u minħabba f'hekk ġara dak li ġara. Ma ħariġx bl-ebda mod li xiħadd mill-passiġġieri li kellu riekba miegħu, u

---

[29] Paġġ. 120 – 1 tal-proċess
[30] Paġġ.18 sa 24 tal-proċess
[31] Paġġ. 25 sa 30 tal-proċess
[32] Paġ. 52 tal-proċess
[33] Xhieda tiegħu f'paġġ. 83 – 4 tal-proċess
[34] Affidavit tal-attur, f'paġ 16, ta' ommu Marion Meli f'paġ. 37 u ta' missieru Joseph Meli f'paġ.38 tal-proċess

b'mod partikolari l-attur, ikkontribwixxa b'imġibtu biex l-imħarrek jinfixel hu u jsuq;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek waħdu kien jaħti għall-inċident li seħħ fis-26 ta' Jannar, 2002, u li fih weġġa' l-attur li kien riekeb miegħu. Tasal għall-fehma wkoll li fl-imsemmi inċident, l-attur ġarrab ġrieħi li ħallew fuqu konsegwenzi li ma jgħaddux. Għalhekk, l-**ewwel talba** tal-attur hija tajba u sejra tintlaqa', filwaqt li, għall-kuntrarju, kemm l-**ewwel eċċezzjoni** u kif ukoll it-**tielet eċċezzjoni** mhumiex mistħoqqa u mhumiex sejrin jintlaqgħu;

Illi dan ifisser ukoll li l-imħarrek irid jagħmel tajjeb għall-ħsara li ġarrab l-attur u għaldaqstant trid issir il-likwidazzjoni tal-ħsara mġarrba għall-finijiet tat-**tieni talba attriċi**;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**likwidazzjoni tad-danni mġarrba** irid jingħad li l-attur qiegħed jippretendi danni għal telf ta' qligħ għall-ġejjieni ("*lucrum cessans*") u kif ukoll danni ta' nfieq li daħal għalih biex jiddewwa u sakemm dam jingħata l-kura ("*damnum emergens*") wara l-inċident;

Illi dwar id-danni marbuta mal-infieq, l-attur ressaq prospett sa mill-bidunett li fetaħ il-kawża[35] li fih wera li nefaq elf tmien mija u disgħin euro (€ 1,890) magħmula minn żjajjar lil konsulenti mediċi, terapija u tħassir ta' ħwejjeġ tal-ilbies u bdil ta' oġġetti personali li kellu fuqu dakinhar tal-inċident;

Illi dwar dawn il-pretensjonijiet tal-attur, l-imħarrek ma jqajjem l-ebda kontestazzjoni. Il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni għaliex ma jmisshiex hija wkoll tilqa' din il-kategorija ta' danni mitluba mill-attur bħala waħda mistħoqqa;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-*lucrum cessans*, jibda biex jingħad li l-periti mediċi maħturin minn din il-Qorti stabbilew ir-rata ta' debilita` mġarrba mill-attur fil-grad ta' għaxra fil-mija (10%)[36]. Din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni il-għala għandha titbiegħed minn din il-fehma esperta. Tqis ukoll li l-imħarrek fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu[37] irrimetta ruħu għall-konklużjoni tal-esperti;

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attur bħala kumpens għat-telf fil-ġejjieni, huwa meħtieġ li jiġi

[35] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[36] Paġġ. 188 sa 193 tal-proċess
[37] Paġ. 218 tal-proċess

mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi qiegħda tinbena. Kif diġa` kellha okkażjoni tirrimarka f'okkażjonijiet oħra din il-Qorti kif ippreseduta[38], il-kwestjoni tal-*multiplier* li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[39];

Illi minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija sewwasew fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[40], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[41], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji;

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[42], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Fil-każ preżenti, jidher li l-attur fiż-żmien tal-inċident u wara kien jaħdem part-time ma' kumpannija taċ-ċellulari. Fis-sena 2005[43] daħħal gross LM 2712.010 ekwivalenti għal €6,317.26. Il-Qorti se tieħu li l-attur qala' din il-paga sakemm probabilment laħaq avukat u beda jipprattika ta' avukat fis-sena 2010, jiġifieri fuq perjodu ta' disa' (9) snin. It-total ta' dħul għal dan il-perjodu maħdum fuq dak il-moltiplikand jitla' għal sitta u ħamsin elf tmien mija u ħamsa u ħamsin euro (€56,855). Għaxra fil-mija (10%) jiġu ħamest elef sitt mija u ħamsa u tmenin euro u nofs (€5,685.50);

---

[38] Ara per eżempju ***David Farruġia v George Sammut***, Prim'Awla, **09.12.2004**
[39] Peter Cane, <u>*Atiyah's Accidents, Compensation and the Law*</u> (6th Edit, 1999), paġ. 122
[40] App. Kumm. **26.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe***
[41] Kumm. **11.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe*** (mhix pubblikata)
[42] App. Ċiv. **16.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri*** (mhix pubblikata)
[43] Dok "JS" f'paġ.137 tal-proċess

Illi, applikati dawn il-prinċipji għall-fatti riżultanti mill-atti tal-kawża, joħroġ li l-attur kellu tmintax-il (18) sena magħluqa meta seħħ l-inċident. L-attur twieled fil-1983. L-eta` tal-irtirar tiegħu hija, almenu skont il-liġi kif inhi fil-preżent, ta' 65 sena u ċjoe` s-sena 2048. Bejn is-sena 2011 u s-sena 2048 hemm sebgħa u tletin (37) sena. Tenut kont taċ-*chances of life* din il-Qorti se taddotta *multiplier* ta' 35. Se tieħu d-dħul medju ta' avukat ta' kapaċita` normali tul il-karriera tiegħu bħala ħamsa u tletin elf euro (€35,000) fis-sena. Għalhekk bħala *lucrum cessans* għal dan il-perjodu tiġi s-somma ta' mija u tnejn u għoxrin elf u ħames mitt euro (€122,500)[44];

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir ħlas f'daqqa, huwa stabilit li f'każ ta' tnaqqis minħabba l-ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ "*lump sum payment*") ż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[45]. F'dan il-każ, l-attur fetaħ il-kawża madwar tliet snin u nofs wara l-inċident, u għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis proporzjonat skond ir-regoli mħaddma li mis-somma mnaqqsa titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa dakinhar li tingħata s-sentenza[46]. Għalhekk, sejjer isir tnaqqis ta' sitta fil-mija (6%) mis-somma ta' danni likwidata;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) fis-somma ta' mija u ħmistax-il elf u mija u ħamsin euro (€ 115,150)[47]. Ma' dawn trid tiżdied is-somma ta' €5,685.50 għall-perjodu sas-sena 2011 kif ukoll is-somma ta' elf tmien mija u disgħin euro (€1,890) bħala '*damnum emergens*' imsemmija aktar qabel:

Illi dan iġib li b'kollox l-attur imissu jirċievi kumpens għad-danni mġarrbin minnu fl-inċident mertu tal-każ fis-somma ta' mija u tlieta u għoxrin elf u ħamsa u sebgħin euro u nofs (€ 123,075.50);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fis-26 ta' Jannar, 2002, fi Triq Notabile, Ħ'Attard, meta l-karozza li kien riekeb fiha u misjuqa mill-imħarrek inqalbet u l-attur ġarrab ġrieħi li

[44] €35,000 x 35 x 0.1 = €122,500
[45] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[46] P.A. JSP **30.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Abela vs Martin Spagnol*** u App. Ċiv. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe*** fost bosta oħrajn
[47] € 122,500 x 0.94 = € 115,150

ma jfiqux;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-attur fi ħsara attwali u f'telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jrid jagħmel tajjeb għalihom l-imħarrek fis-somma ta' mija u tlieta u għoxrin elf u ħamsa u sebgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 123,075.50);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' mija u tlieta u għoxrin elf u ħamsa u sebgħin euro u nofs (€ 123,075.50) bħala danni likwidati, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-imħarrek iħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**21 ta' April, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**21 ta' April, 2016**